10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 2**

**Il-Ħamis 25 ta' Lulju 2024**

Il-laqgħa numru 2 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Tnejn 9 ta' Lulju 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Darren Grech

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela  Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 2 Komunikazzjoni mis-sindku

Is-Sur Falzon spjega li rċieva talba mingħand l-Għaqda tan-Nar fejn xtaqu li f'dik is-siegħa minn meta jispiċċa l-programm tal-banda sakemm jibda n-nar tal-art, ikun hemm Banda li t'allegra nies sabiex dawn ma jmorrux lura dar u jitilfu l-ispettaklu tan-nar mħejji. L-ispiża għal din il-Banda hi ta Euro 960 + VAT.

Kien hemm qbil unanimu li dan hu suġġeriment tajjeb, imma peress li din l-attività' ma kienetx fil-programm maqbul mal-għaqdiet kollha jeħtieġ li jkun hemm kunsens unanimu mill-għaqdiet kollha fuq dan. Dan sabiex ma jkunx hemm *overlapping* fil-ħin kif ukoll sabiex il-banda ma tinqalax għal anqas minn siegħa. DOK 1

Kien hemm talba ukoll għal Fire Engine minn naħa tal-Għaqda tan-Nar bħas-snin ta' qabel sabiex jiżgura is-saħħa u sigurtà għal kulħadd. Il-kunsill qabel unanimament fuq din it-talba

Is-Sindku spjega ukoll li waslet email fuq ir-R.I.G.H.T.S programm mingħand l-AKL. Din ser ikun qed jieħu ħsieba is-Sur Darren Grech bħala kunsillier inkarigat mit-tfal.

Is-Sindku spjega ukoll li l-cameras li kien hemm imwaħħla fis-sala tal-Kunsill għal live streaming ma kienux qed joperaw. Għaldaqstant is-supplier eżistenti offra din il-kamera li intużat fl-ewwel laqgħa u lum sabiex ikunu nistgħu naraw il-kwalità. Il-prezz ta' din il-kamera 360Degrees hu ta Euro 6,200 għal 3 snin lease. B'hekk tiġi Euro 1850 għal lease ta' sena.

Kien hemm qbil unanimu li jinġabu 2 kwotazzjonijiet oħra għal lease kif ukoll niċċekjaw kemm tiġi s-sistema biex tinxtara.

Is-Sindku semma ukoll li rċieva email fuq ic-Charging Pillars sabiex ikun hemm installazzjonijiet f'diversi toroq.

### 2.1 Sleeping Policeman

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu jieħu azzjoni f'żoni arterjali fuq sleeping policemen mingħajr l-approvazzjoni tar-residenti. Hekk minn naħa l-oħra persuna tkun tixtieq Sleeping Policeman nużaw policy li l-Kunsill Lokali irid jimxi fuqha. Għalhekk qed jiġi propost li kull persuna li tkun trid sleeping policeman għanda

- Tagħmel ilment formali lill-Kunsill
- Timla formola li ser issib il-Kunsill Lokali flimkien ma l-GPS coordinates kif ukoll firem minn nies tat-triq involuti
- Din l-applikazzjoni tittella' quddiem il Kunsill. Hekk id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun pożittiva
- Din il-formola tintbagħat lil-contracts manager sabiex isiru l-verifiki neċessarji
- U jibdew it-taħdidiet neċessarji ma' TM

Din il-proposta ġiet approvata unanimament

Issemmew ukoll l-inċidenti li qed isiru fi Triq il-Kbira San Gużepp u kien hemm ħafna suġġerimenti li issir Camera jew speed guns. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li isiru laqgħat ma' Transport Malta u Lesa.

Sabiex jitnaqqsu l-inċidenti li qed isiru fi Triq il-Kbira San Gużepp kien hemm ukoll suġġeriment sabiex isiru crash barrier ħdejn il-każin tal-futboll. Dawn għandu jkollhom l-iskop ta sigurta' u mhux ta' tisbieħ.

## 2.2 Festa 2024

### 2.2.1 Ħlas lil-LESA

Ġie preżentat kont li intbagħat mill-aġenzija LESA li jlaħħaq ammont ta' kważi 40K. Dan jinkludi fih invoices li għal xi raġuni jew oħra ma tħallsux fosthom l-ECO Wardens, il-festa 2022, kif ukoll ħlas tal-amministrazzjoni, u kontijiet oħra. L-Festa 2024 ukoll huma inklużi.

Il-Viċi Sindku irrimarka li suppost l-ECO Wardens kellhom ikunu parti mix-xogħol regolari tal-LESA. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol li għalih il-LESA ħarġet il-kont imur oltre ix-xogħol regolari tal-lesa u li għalih il-Kunsill preċedenti kien għamel talba formali. Il-Viċi Sindku qal li wara li saret din it-talba kien hemm oġġezzjoni għal dan mill-AKL. Is-Sindku informa ukoll li l-LESA offrew 20% skont fuq il-kont tal-ECO Wardens.

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li jittieħed parir legali mingħand l-avukat fejn tiġi applikata l-liġi tal-preskrizzjoni. Il-Kunsilliera staqsew ukoll għal kopja tal-invoices kollha li ma' tħallsux u raġuni għala dan ma sarx. Dawn ser ikunu qed jintbagħatu bl-email lill-kunsilliera kollha.

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera li l-festa 2024 trid tiġi mħallsa kollha minn qabel peress li l-LESA biddlet l-policy tagħha ma' Malta kollha. Is-Sur Sultana, iddikjara li ma kienx jaqbel ma dan.

Il-Kunsilliera staqsew sabiex jitqabdu uffiċjali ta' Transport Malta jew Pulizija minflok LESA għal festa 2024. Is-Sindku informa li dawn kienu diġà ntalbu għal assistenza tagħhom imma ma' kienux disponibbli.

### 2.2.2 Għeluq ta' Toroq Armar u Żarmar

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien hemm xi tibdil żgħir fl-għeluq ta' toroq għal Armar u żarmar

Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni

### 2.2.3 Għeluq ta' Toroq Fost il-Ġimgħa tal-Festa

Wara laqgħa mal-ispettur tal-Pulizija kif ukoll mal-għaqdiet tal-Festa ġie maqbul l-għeluq tat-Toroq għal żmien il-festa. Dan ser ikun bħas-snin ta' qabel bl-eċċezzjoni tal-Ħamis peress li l-Għaqda tal-Banda xtaqet li tingħalaq Triq il-Kbira San Ġużepp nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju mis-14.00 u l-Għaqda tan-nar xtaqet li tingħalaq l-istess imsemmija triq minn nofsinhar. Għaldaqstant Triq il-Kbira San Ġużepp ser tingħalaq minn nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju mill-Nofsinhar sa Tnejn 29 ta' Lulju fl-4.00am. F'din il-laqgħa mal-ispettur ġie maqbul ukoll meta u x'ħin ser ikun hemm il-clearance tal-karozzi fil-ġranet tal-festa.

Is-Sindku qal ukoll li qiegħed jitkellem mal-Cleansing minħabba tindif tat-Toroq fil-ġranet tal-festa peress li ħabtu 7 festi flimkien. Hekk il-Cleansing Department ma' jkunux jistgħu naddfu fi żmien il-festa, speċjalment fejn jidħol ħasil tat-Triq il-Kbira l-parti ta' quddiem il-knisja u zuntier, il-Kunsill iqabbad lil xi kuntrattur privat.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku informa ukoll li l-Kenniesa kull filgħodu ser ikunu qed inaddfu t-toroq minn fejn ser ikun qed jgħaddi l-marċ. Strada Rjali ser tkun qed issir kuljum.

Is-Sindku informa ukoll li ser ikun hemm Traffic Management plan għal festa, li dan ser ikun qed jiġi imħabbar fuq il-medja soċjali tal-Kunsill, u ser ikun hemm karti informattivi fuq kull bus stop.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn dawn infurmaw li ix-xogħol fi Triq in-Nagħal ser ikun lest sal-19 ta' Lulju 2024. Ix-xogħol ta' Triq il-Parata u Triq Emanwel Attard għalissa twaqqaf ħabba l-festa.

### 2.2.4 Għeluq ta' Toroq nhar il-Gimgħa

Is-Sindku informa lil Kunsillier li peress li l-aġenzija LESA ser ikollha team building għal ħaddiema tagħha nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju, il-LESA ma' tistax tgħalaq it-toroq fil-ħinijiet maqbula. Għaldaqstant ser ikun qed jitqabbad kuntrattur privat sabiex nassiguraw li traffiku jimxi sew.

### 2.2.5 Festin Tfal

Is-Sinkdu informa li qed jipproponi festin għat-tfal fiċ-ċentru parrokjali nhar il-15 ta' Lulju fis-19.30. Bħala spejjeż għal kunsill ser ikollu l-catering u l-animation kif ukoll token żgħir bl-arma tal-Kunsill għat-tfal li jattendu

Il-Kunsilliera ma' sabux oġġezzjoni

### 2.2.6 Materjal għall-arkivju

Is-Sindku ippropona li bħala għajnuna lill-għaqdiet, kif ukoll lill-parroċċa, il-Kunsill iqabbad fotografu, li jiġbed ritratti tal-avvenimenti varji li jsiru. Dawn jintbagħatu lill-għaqdiet għall-użu tagħhom, bl-arma tal-Kunsill Lokali.

Il-kunsilliera qablu ma' din il-proposta

### 2.2.7 Festa tal-anzjani

Is-sindku qal li għal waqt Festa Anzjani, ser issir Quddies min-naħa tal-kappillan. Qed jiġi issuġġeriet li sabiex jallegraw l-anzjani ikun hemm Banda. Il-każin tal-Banda ma' kienx f'pożizzjoni li jidħol għal dan l-avveniment u għalhekk nġabret stima mingħand it-Tikka Banda. Din ser tiġi tiswa' Euro 850 + VAT.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

### 2.2.8 L-ikla tal-għaqdiet

Nhar is-Sibt tal-Festa ħafna mill-għaqdiet tal-Festa jagħmlu ikla għal voluntiera kollha. Is-sindku qed jissuġġerixxi li bħala kunsill għandu jippromovi l-għaqda u għalhekk qed jipproponi li l-ikla issir mill-kunsill għal kulħadd f'daqqa. F'din l-ikla ser jiġu mistiedna s-segretarju u l-president ta' kull għaqda fil-lokalita' li m'għandiex funzjoni diretta fil-festa. Dawk it-3 għaqdiet li għandhom funzjoni diretta fil-festa ser jiġu mistiedna l-kumitat u sa massimu ta' 30 persuna kull għaqda.

Bħala post ser jintuża Apap Institute jew Strada Rjali hekk kif din tkun magħluqa. Data ser tkun 27 ta' Lulju 2024.

Il-Kunsilliera qablu unanimament

### 2.3 Street Furniture

Is-Sindku xtaq jiċċara, wara kummenti ta' xi kunsilliera, li ma għamel l-ebda infiq fix-xahar ta' bejn l-elezzjoni u din il-laqgħa. Saru biss infiq neċessarju għad-day to day running tal-lokal li dan isir bilfors. Fuq il-bank li tneħħa minn Triq Patri Ġwann Azzopardi, dan sar wara ħafna ilmenti. Dan ser jerġa' jitpoġġa faċċata fejn hemm Assembly point ta' kumpanija privata.

Fuq id-Dog Bin li tneħħa minn Triq il-Fawwara, dan tneħħa għax tpoġġa taħt tieqa ta' residenza privata. Is-Sindku informa li hemm Dog Bin fil-viċinanzi fi Triq Ħal Kaprat. Hu stqarr li għanda tkun il-policy tal-Kunsill li Dog Bins ma jitpoġġewx ħdejn id-djar tan-nies.

Daħal ukoll ilment mill-amministrazzjoni tad-Day Centre fejn l-anzjani qed jitwaqqfu bil-van f'nofs tat-Triq minħabba li qed isibu parking ostakolat. Ġie maqbul li ir-Reserve sign għandu jinbidel u jikber imma s-sewwieq tal-vettura irid jidħol minn Triq Ċikku Portanier.

Is-Sur Karl Carabott qal li l-Kunsill għandu jaddotta l-kunċett ta' upcylcing, fejn street furniture bħal dog bins li ma jkunux jistgħu jiġu irranġati għandu jsir użu ieħor tagħhom, bħal pereżempju pots li jitwaħħlu mal-UBars. Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

### 2.4 MOU Cleansing

Wara li xi kunsilliera staqsew biex jaraw l-MOU iffirmat fil-leġislatura preċedenti mal-cleansing division, dan qed jiġi preżentat. Għaldaqstant permezz ta' dan l-MOU, il-kunsill lokali ta' Santa Venera ġie assenjat 5 Kenniesa li ser jinqasmu madwar ir-raħal kollu f'rotta li ħadem il-Contracts manager is-Sur Raphael Carabott.

Kull ilment li l-kunsill ikollu fuq il-ħaddiema jintbagħatu lil Cleansing Division sabiex dawn ikunu jistgħu jitranġaw il-problema. Is-sindku ser ikun qed jgħaddi kopja tar-rotta lill-kunsilliera.

Hemm 3 punti ta' ġbir tal-iskart:

- Triq il-Kanun
- Triq il-Ferrovija
- Triq il-Kbira San Ġużepp

Il-ħaddiema tal-CMD jgħaddu bil-vann minn din ir-rotta bejn is-siegħa u sagħtejn ta' wara nofsinhar. Bħalissa l-problema li hemm hi li tant il-Kenniesa qed jiġbru skart li l-boroż qed jimtlew malajr ħafna u l-Kenniesa qed jsibuha diffiċli biex jqandlu l-borża sal-pick up point. Is-Sur Sultana irrimarka li l-kenniesa għandhom jużaw il-karretta sabiex iġorru l-boroż u mhux iħallu l-boroż fejn jispiċċaw.

## 2.5 Parkeġġ fi Triq Qormi

Is-Sindku informa li qed isiru taħditiet mal-MEER sabiex ir-residenti jingħata aċċess biex jużaw l-parkeġġ meta l-ministeru jkun magħluq. Dan il-ftehim għadu mhuwiex iffirmat peress li hemm xi mistoqsijiet fuq dan il-ftehim:

- F'dan il-ftehim qed jinkludi biss parti mill-parkeġġ u mhux kollu
- Il-grada ser tingħalaq fid-21.00 u tarġa tinfetaħ fil-05.00am ta' filgħodu
- Parking Bay ser tkun allokata lil persuna speċifika

Il-viċi sindku jinforma ukoll li r-responsabbiltà' fuq dan il-parkeġġ hi kbira peress li hemm involuti diversi entitajiet fosthom il-ministeru, l-edukazzjoni. Imma hemm bażi soda fuq xiex jinbena dan il-proġett. Dan il-proġett ser jiswa' naqra mhux ħażin lil-Kunsill Lokali sabiex ikun hemm persuna miegħu fil-ħin tal-ftuħ u l-għeluq.

Is-Sindku jinforma li aktar il-quddiem ser ikun hemm sejħa għar-residenti interessati u b'hekk tiġi ikkreata database u sistema sabiex il-ħaddiem li jkun qed jieħu ħsieb ikollu aktar kontroll. Irid ikun hemm sistema ta' sticker u log book ta minn daħal u minn ħareġ kif ukoll jiġi reġistrat il-ħin.

## 2.6 Social Media Management

Is-Sindku jinforma li jħoss il-bżonn li bħala kunsill ikunu aktar qrib in-nies u dan jista' jsir billi nkunu aktar attivi u professjonali fuq il-medja soċjali. Għalhekk is-sindku qed jipproponi li jkun hemm persuna professjonali li tamministra l-medja soċjali li tinkludi ukoll whatsapp u messenger channel. Permess tagħhom il-Kunsill ser ikun jista' jinforma lin-nies b'għeluq ta' toroq, skart, kif ukoll notifiki oħra. Dan is-servizz ser kun qed ikun bi prova ta' 6 xhur.

Il-kunsilliera qablu unanimament

### 2.7 Tabib tal-ħaddiema

Is-Sindku qed jipproponi li jkun hemm ftehim ma' tabib sabiex jkun jista' joħroġ iċ-ċertifikat tal-mard għall-istaff li jkun ma' jiflaħx. Il-ħaddiema tal-komunità' mhumiex inklużi għax għandhom it-tabib tagħhom.

Fuq din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

### 2.8 Tibdil ta' Skema – Komunitajiet aktar siguri

Fil-leġislatura preċedenti kien hemm qbil fuq skema maħruġa mid-dipartiment tal-kunsilli Lokali għal Komunitajiet aktar siguri. Dak iż-żmien kienet inħass il-ħtieġa għas-servizz ta' towing service fuq karozzi abbandunati. Peress li l-pulizijia biddlu s-sistema ta' kif joperaw, din qatt ma' ġiet utilizzata għalhekk is-Sindku qed jipproponi li dawn il-fondi jintużaw għal toilets pubbliċi li jinsabu fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Din il-proposta ġiet aċċettata unanimament.

### 2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti Nru 420 u Petty cash ta' Mejju/Ġunju 2024:
Proponent Is-Sur Darren Grech u Sekondant: Is-Sur Silvio Vella.

Fuq item 421, trid tinbidel is-sena għal 2024 – 2025.

Fuq item 405, il-kunsill xtaq kjarifika kif qed niġu mitluba nħallsu ta' xahar sħiħ meta l-Kenniesa bdew fl-10 ta' Ġunju. Ser tkun qed tintbagħat email fuq dan.

## 2.10 Mozzjoni

### 2.10.1 Mozzjoni dwar għajnuna lil-Parroċċa

Is-Segretarju rċieva mozzjoni mingħand is-Sur Karl Carabott, is-Sa Roberta Sultana u is-Sur Joe Vella li qed tiġi ppreżentata – DOK2. Is-Sindku stieden lis-Sur Carabott jaqra din il-mozzjoni. Wara li qara din il-mozzjoni, is-Sur Carabott, ikkummenta li l-għaqda materna għanda tiġi megħjuna u tiżdied mal-lista li l-Kunsill Lokali diġa' jgħin bħala għaqdiet lokali.

Is-Sur Joe Vella żied li l-Kunsill Lokali għandu jkun kburi li li jgħin lil kull għaqda. Bħalma jaf kulħadd il-kappillan naqqas id-dwal madwar ir-raħal minħabba l-ispiża u għalhekk il-kunsill għandu jgħin sabiex dan il-wirt kulturali jiġi ppreservat. Is-Sa. Sultana qablet ma' dawn il-kummenti.

Is-Sindku ppreżenta emenda – DOK 3 ta' din il-proposta li ġiet ippreżentata lill-kunsilliera. Din l-emenda ġiet is-sekondata. mis-sur Stephen Sultana. Il-Kunsill Lokali diġà hu ta' għajnuna kbira għal-għaqdiet inkluż il-parroċċa speċjalment bl-immaniġġjar tat-traffiku u ħtiġijiet oħra sabiex tikber il-festa. Fil-fatt għadu kif ġie approvat il-festin tat-tfal. Dan fid-dawl li l-kunsill ma' jistax jagħti donazzjoni diretta. Kien hemm ukoll id-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira fejn kien hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kunsill u l-parroċċa.

Is-Sur Karl Carabott, ġibed l-attenzjoni li l-mozzjoni ma' ssemmix donazzjoni imma kollaborazzjoni mal-parroċċa. Is-sindku qal li jaqbel mas-suġġett u l-kunċett tal-mozzjoni u għanda tinfetaħ diskussjoni mal-kappillan kif il-kunsill jista' jgħin aktar lil-parroċċa.

Għalhekk is-Sur Carabott ippreżenta emenda – DOK 4 ta' din il-mozzjoni fejn il-kunsill kien qed jaċċetta li jkun hemm taħditiet mal-parroċċa f'Awissu sabiex jinstabu mezzi kif il-kunsill u l-parroċċa jistgħu jaħdmu aħjar flimkien.

Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera kollha.

Peress li kien sar ħafna ħin, l-items:

- Deċiżjoni fi Triq Agius De Soldanis
- Ilmenti

Ser ikunu qed jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss.

**3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fil-22.30 u ġiet aġġornata għall-5 ta' Awwissu 2024 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| Gianluca Falzon | Tiffany Abela |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Anness**

1. **Dok 1 - Kunsens mingħand l-għaqdiet**
2. **Dok 2 – Mozzjoni tas-Sur Carabott, Sa Sultana, Sur Vella**
3. **Dok 3 – Emenda mis-Sindku u Sur Stephen Sultana**
4. **Dok 4 – Mozzjoni emendata mis-Sur Carabott, Sa Sultana, Sur Vella**